# SUNETT MALTI TA' SIR ARTURO MERCIECA

**minn Wallace Ph. Gulia**

Dan l-aħħar is-Sinjura Mari Lowell, it-tifla l-kbira ta' Sir Arturo Mercieca, Kt, LL.D., M.A., tatni manuskritt li kien fih sunett bil-Malti miktub minn missierha fl-1900. Kienet sabet dan il-manuskritt fost il-karti mhux ippublikati li kien ħalla Sir Arturo. Qaltli nagħmel bih dak li kien jidhirli xieraq sakemm ma ntilfux.

Jiena tal-fehma li dan is-sunett Petrarkan, b'varjanti mhux imġebbdin għal kollox, li juri li Sir Arturo f'żgħożitu bilfors li kien interessat fil-Malti, ta' min jippublikah għax jista' jixħet dawl fuq il-personalitajiet taż-żmien u l-atteġġjamenti tagħhom lejn l-iżvilupp ta' lsien il-poplu.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh il-fatt li dan is-sunett inkiteb xi għaxar snin qabel ma Dun Karm, imwebbel minn Ġużè Muscat Azzopardi, kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti, irrimata abċb.

Għal-pubblikazzjoni biddilt l-ortografija, li kif wieħed jistenna hija dik imnissla mill-kitba tat-Taljan, mingħajr ma daħħalt xi eliżjoni fejn il-kittieb ħallieha barra:

## LEHEN IS-SEWWA

Għaliex, o vuċi li issejjaħli għas-sewwa,
Minn leħen ieħor int mgħottija u imwarrba?
Għaliex tonqos, għaliex tiskot xi darba
Bħalkieku tkun mirbuħa mill-egħdewwa?

Tal-ħażen ii jiġbidni fl-iebsa ħarba
Meta ma jinstemax leħnu tal-ħlewwa,
Din ruħi tħossha dlonk imgħarrqa ġewwa
Baħar ta ħsieb ħażin, ta' ħajja imġarrba.

Donnu li biss bil-għali inti mimija
Ferħ l-ieħor u hena iwiegħed, sakemm jiena
Narani bħala imwaqqgħa ilsir tagħha.

Iżda inti terġa' tqum iktar qawwija
Fil-ġlieda twila, għal ġieħ ruħi l-għajjiena.
O li kont dejjem fl-għoli inti terfagħha.

**1900** **A.M.**